

**Dispożittiv**

- 1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1734 tat-18 ta' Novembru 2020 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċerta nefqa mġarrba mill-Istati Membri fil-qafas tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2020, L 390, p. 10), biss sa fejn il-Kummissjoni Ewropea eskudiet is-somma ta' EUR 4 334 068,02 tal-ammont ta' għajjnuna finanzjarja li ngħatat lilha permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) għas-sena finanzjarja 2018 minħabba t-tweqqi ta' numru insuffiċjenti ta' kontrolli fuq il-post, hija annullata.
- 2) Il-Kummissjoni hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 88, 15.3.2021.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' April 2022 – Boshab vs Il-Kunsill**

(Kawża T-103/21) (<sup>1</sup>)

*(“Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo – Iffriżar ta’ fondi – Restrizzjoni fil-qasam ta’ ammissjoni fit-territorji tal-Istati Membri – Żamma tal-isem tar-rikorrent fil-lista tal-persuni kkonċernati – Dritt għal smigħ – Prova tal-fondatezza tal-inklużjoni u taż-żamma fil-listi – Żball manifest ta’ evalwazzjoni – Kontinwazzjoni taċ-ċirkustanzi ta’ fatt u ta’ dritt li wasslu għall-adozzjoni tal-miżuri restrittivi”)*

(2022/C 244/36)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

**Rikorrent:** Évariste Boshab (Kinshasa, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo) (rappreżentanti: T. Bontinck, P. De Wolf, A. Guillerme u T. Payan, avukati)

**Konvenut:** Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Lejeune, aġent)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrent jitlob l-annullament, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/2033 tal-10 ta' Diċembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2020, L 419, p. 30), u, min-naħa l-oħra, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2021 tal-10 ta' Diċembru 2020 li jimplementa l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2020, L 419, p. 5), sa fejn dawn l-atti jikkonċernawh.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Évariste Boshab huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 128, 12.4.2021.